Il-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
**Magistrat Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**

**Illum, 7 ta' Mejju 2024**

**Distrett Birkirkara**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Andrew Agius Bonello)**

**Versus**

**Massimo Borg**
**(0529695M)**

**Il–Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet kontra **Massimo Borg**, detentur tal-karta tal-identita' bin- numru 0529695M

Akkuzat talli nhar is-6 ta' Novembru 2023 ghall-habta ta' 08:15hrs, gewwa Triq Brared, B'Kara u f'dawn il-Gzejjer Maltin;

1. Attakka jew irrezista bi vjolenza, ufficjal tal-Komunita', u cioe' lil CO663 Matthew Micallef, waqt il-qadi ta' dmirijietu taht dan l-Att;

2. Attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra persuna inkarigata skont il-ligi minn servizz pubbliku cioe' il CO663 Matthew Micallef, filwaqt li kien qed jagixxi ghall-ezekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghtija skont il-ligi mill-Awtorita' kompetenti;

3. Volontarjament qal kliem oxxen li jikkonsisti f' dagha fil-pubbliku;

4. Volontarjament kiser il-bon ordni jew il-paci pubblika b'ghajjat u storbju.

Il-Qorti hija mitluba sabiex f'kaz ta' htija tipprovdi ghas-sigurta' ta' CO 663 Matthew Micallef skont it-termini tal-Artikolu 382A, 383, 384 u 385 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti kollha pprezentati fl-atti processwali.

Semghat ix-xhieda.

Semghat it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat**

Illi xehed CO 663 Matthew Micallef, fejn qal illi fis-6 ta' Novembru 2023, ghal habta tat-8.15am gewwa Triq Brared, B'Kara waqt illi kien ghassa mal-iskola minhabba t-tfal, wasal l-imputat Massimo Borg, li gharaf fl-awla, f'Toyota blu li kienet mreghda u nnota li kellu l-mirja tal-genb neqsin. Hu gibidlu l-attenzjoni fuq il-mirja, ghax il-vettura kienet perikoluza li tinstaq minghajr mirja. L-imputat tefa' l-karozza fin-nofs fejn jghaddu l-coaches u l-mini buses, u l-*parte civile* qallu biex ma jdumx fil-post. L-imputat wiegbu li kien kelmu biss fuq il-mirja u qal lill-*parte civile* li kien dardira, u l-*parte civile* qallu li kien ghadu ma harkux imma kien biss wissieh. L-imputat beda jitkellem b'mod oxxen b'Alla u bil-Madonna u l-*parte civile* pprova jsikktu, kif bdew jaghmlu wkoll genituri ohra u staff tal-iskola. Ix-xhud qallu li kien ser jcempel lill-Pulizija u l-imputat wiegbu li seta' jcempel kemm irid ghax hu kien jkun maghhom jittowjaw u ma kienx jibza' mill-Pulizija jew mill-Qorti. Ix-xhud kompla jghid li l-imputat tajjarlu l-mobile minn idejh hekk kif beda jcempel 112 u kissirulu, kif jidher fil-filmat, u mar jimbuttah u qallu li ser isibu u jpattihielu u beda jidghilu u jghid kliem oxxen bil-familja u l-mejtin tieghu. Ix-xhud kompla jghid illi fil-fatt kienu cemplu 112 xi genituri ohra li kien hemm madwar, ghalkemm l-imputat beda jipprova jinfluwenzhom kontrih. Waslu l-Pulizija tad-distrett u tal-RIU u x-xhud mar l-Ghassa jaghmel rapport. Fil-kontro ezami x-xhud ikkonferma li l-mirja ma kienux hemm, u li kien hemm hafna nies hdejn l-iskola.

**Ikkunsidrat**

Illi jirrizulta illi waqt illi l-Community Officer 663 Matthew Micallef kien xoghol hdejn l-iskola fit-2 ta' Mejju 2023, l-imputat waqaf bil-karozza biex inizzel it-tfal u l-parte civile gibidlu l-attenzjoni dwar il-mirja. Jidher illi l-

imputat irribella u beda jkellmu hazin u sahansitra imbuttah u tajjarlu l-mobile minn idejh. Illi din il-Qorti taqbel mad-Difiza illi il-mod li gew ippezentati is-CDs kienu inammissibbli f'dawn il-proceduri ghax ma gewx ipprezentati mill-persuna li elevathom, u ghalhekk il-Qorti mhux ser tiehu konjizzjoni taghhom bhala parti mill-provi imressqa, izda l-Qorti wara li semghat ix-xhieda ta' CO 663, liema xhieda kienet ukoll konsistenti ma' l-affidavits pprezentati fl-atti processwali, jirrizulta ppruvat illi l-imputat imbotta u fixkel lil CO 663, Ufficjal tal-Komunita' waqt il-qadi ta' dmirijietu u qal kliem oxxen kif ukoll kiser il-paci pubblika, u ghalhekk il-Qorti hija konvinta illi l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' l-imputat gew ppruvati sal-grad rikjest mill-Ligi.

## Decide

Ghal dawn il-motivi il-Qorti, wara li rat Artikolu 19(1) tal-Kapitolu 389, kif ukoll Artikolu 7, 96, 338(bb) u 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, **qed issib lill-imputat Massimo Borg hati ta' l-akkuzi kollha migjuba kontrih, u qed tikkundannah ghal sitt (6) xhur prigunerija li ai termini ta' l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed jigu sospizi ghal zmien sena (1) millum, kif ukoll ghal-hlas ta' multa ghas-somma ta' erbat elef Euro (€ 4,000).**

Dwar it-talba tal-prosekuzzjoni, sabiex din il-Qorti taghti garanzija fil-konfront tal-*parte civile*, **CO 663 Matthew Micallef ai termini tal-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta,** fic-cirkostanzi din il-Qorti thoss li tali talba hija gustifikata u qeda torbot lill-imputat **Massimo Borg** b'garanzija personali ta' **elfejn Euro (€2,000) ghal zmien sena millum** u dan billi ma jimmolestax, ma jddejjaqx u ma jingurjax lill-*parte civile* **CO 663 Matthew Micallef.**

**Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**
**Magistrat**